



Ir-Realizzazzjoni ta' saħħa u sigurtà aħjar fil-kostruzzjoni Il-Ġestjoni ta' proġetti ta' kostruzzjoni – Ġabra fil-qosor ta' rapport ta' Aġenzija

Introduzzjoni

L-UE kollha qed tirrikonoxxi dejjem aktar li l-istandards tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (OHS) fil-kostruzzjoni għandhom jittejjbu. Kull sena madwar 1 300 ħaddiem jisfgħu maqtula, 800 000 oħra mweġġgħin u ħafna oħra jsofru minn mard (!). Is-sofferenza tal-bniedem ikkawżata minn inċidenti u mard hija ta' dwejjaq kbar għal dawk kollha involuti, u din il-piena ma tistax tiġi kkalkulata. It-telf finanzjarju huwa konsiderevoli.

Ħadd m'għandu bżonn li jiġi konvint li l-ġestjoni tas-sigurtà, saħħa u benessri fl-industrija għandu jkollha l-oġġla prijorità.

Il-Ġimgħa Ewropea ta' l-2004 dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol hija dedikata għall-kostruzzjoni. L-Aġenzija ġabret każijiet mill-Ewropa kollha fejn ittiegħdu azzjonijiet sabiex jiġu realizzati standards aħjar ta' saħħa u sigurtà. Ir-rapport jirrifletti l-istandards ta' l-OHS fil-kostruzzjoni, iżda juri dak li, b'azzjoni effettiva, jista' jintlaħaq sabiex dawn l-istandards jittejjbu.

Leġiżlazzjoni

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/57/KEE tenfasizza l-koordinazzjoni meħtieġa mid-diversi partijiet fl-istadju tal-preparazzjoni tal-proġett u tul il-fażi ta' kostruzzjoni.

- ✓ Il-Klijenti, jew is-supervisor tal-proġett, għandhom jaħtru koordinatur wieħed, jew iktar, għal kwistjonijiet ta' saħħa u sigurtà.
- ✓ Il-Klijenti, jew is-supervisor tal-proġett, għandhom jassiguraw li hemm ippreparat pjan tas-saħħa u tas-sigurtà qabel ma tibda l-fażi tal-kostruzzjoni.
- ✓ Is-supervisor tal-proġett, jew il-klijent, għandhom jieħdu kont tas-saħħa u tas-sigurtà meta jiddisinnaw il-proġett.
- ✓ Tul il-fażi tal-kostruzzjoni, il-koordinatur(i) għandu(hom) jassigura(w) li r-riskji huma ġestiti b'mod adegwat u li jittieħed kont tal-pjan ta' sigurtà. Il-Kooperazzjoni bejn persuni li jimpjegaw fi kwistjonijiet ta' saħħa u sigurtà għandha tiġi implimentata u għandu jsir monitoraġġ tal-proċeduri.

Intgħażlu sittax-il każ ta' azzjoni mill-Ewropa. Ir-rapport jiġbor dawn il-każijiet flimkien, u jenfasizza azzjonijiet meħuda fil-:

- ✓ fażi ta' preparazzjoni tal-proġett;
- ✓ fażi tal-kostruzzjoni;
- ✓ fażi ta' wara l-kostruzzjoni (tal-manutenzjoni).

Madankollu, in-natura ta' l-istudji tal-każijiet tfisser li jistgħu jittiegħdu azzjonijiet tul il-proġett kollu.

1. Il-Fażi ta' preparazzjoni tal-proġett

Il-Klijent

Standards tajbin tas-saħħa u tas-sigurtà fuq proġett ta' kostruzzjoni jibdeu bid-deċiżjonijiet meħuda mill-klijent li jottjeni x-xogħol. Huwa f'dan l-istadju li l-klima sħiħa tas-saħħa u tas-sigurtà ta' proġett hija stabbilita. Jeħtieġ li jingħataw kuntratti fuq bażi ta' valur għall-flus, li jfisser li tiġi miksuba xi ħaġa li tissodisfa l-iskop, tissodisfa l-ħtiġijiet ta' l-utent, u tottjeni bilanċ bejn il-kwalità u l-ispejjeż tul il-ħajja tagħhom. Huwa ta' importanza fundamentali, meta jintgħażlu kuntratturi u oħrajn, li jiġi assigurat li huma kapaċi jwettqu x-xogħol b'mod kompetenti, inkluża l-ġestjoni ta' l-OHS.

L-Ippjanar

Għandu jingħata żmien biżżejjed għall-proċess ta' l-ippjanar. Id-disinjatur, il-koordinatur għas-saħħa u s-sigurtà, u l-kuntrattur għandhom jinħatru kmieni kemm jista' jkun. Dan għandu jippermetti li d-disinn tal-proġett jiġi diskuss u li jiġi assigurat li l-ispeċifikazzjoni u l-iskeda ta' xogħlijiet għall-proġett huma, kemm jista' jkun, siguri u mingħajr riskju. Għandha tingħata konsiderazzjoni lil kif għandu jiġi maħsub id-disinn. Il-Perikoli għandhom jiġu eliminati kull meta possibbli, u riskji minn perikoli li ma jistgħux jiġu eliminati għandhom jitnaqqsu. Għandha tiġi pprovduta informazzjoni dwar riskji ta' residwu fil-każ li huma sinifikanti. Ħafna drabi huwa utli għall-kuntrattur u għad-disinjatur li jikkomunikaw tul il-proċess ta' l-ippjanar.



(!) Eurostat, ESAW 1999.



Il-Koordinazzjoni ta' persuni prinċipali: 'Sħubija ta' sigurtà fil-Kostruzzjoni' ('Construction Safety partnership'), l-Irlanda

Studju Irlandiż ta' aċċidenti fatali enfasizza li mill-inqas 25% minnhom kienu attribwibbli għall-fażi ta' qabel il-kostruzzjoni tal-proġett. Parti minn dan il-proġett jinvolti t-tfassil ta' reġistru ta' 'Project supervisors design stage' (PSDS) kompetenti. Dawn għandhom rwol prinċipali, taħt il-leġiżlazzjoni Irlandiża, fir-reviżjoni tad-disinn bl-għan li jiġi minimizzat ir-riskju tul il-fażi tal-kostruzzjoni.

Ħsieb għall-eliminazzjoni tar-riskju- Ir-Renju Unit

Bini b'qafas ta' l-azzar hija struttura komuni ħafna użata għal bini ġdid. Travi u kolonni ta' l-azzar għandhom jintrefgħu minn krejn u jiġu ffixxati fil-pożizzjoni tagħhom meta jinbena dan it-tip ta' bini. Ġeneralment din l-operazzjoni titwettaq billi jintuża rbit għall-irfiġħ madwar l-azzar biex imbagħad dan jintrefa. Hemm ir-riskju li l-azzar jiżloq mill-irbit u jaqa'. Madankollu, bid-disinn ta' għajnuniet għall-irfiġħ bħal toqob imtaqqba minn qabel, jistgħu jintużaw manilji għall-irfiġħ u r-riskju jiġi eliminat.


2. Il-Fażi tal-Kostruzzjoni

Standards tajbin ta' OHS tul il-fażi tal-kostruzzjoni jiġu miksuba biss b'ġestjoni tajba. Jeħtieġ li l-manigiers jassiguraw li x-xogħol huwa ppjanat, organizzat, ikkontrollat, isir monitoraġġ fuqu u huwa rivedut, sabiex jiġu assigurati standards tajbin ta' OHS. Il-persuni kollha fuq ix-xogħol għandhom jiġu mħarrġa u jkunu kompetenti, u l-ħaddiema għandhom jiġu kkonsultati dwar kwistjonijiet ta' OHS, b'koordinazzjoni bejn il-persuni differenti li jimjegaw li jwettqu x-xogħol.

Taħriġ il-Greċja, l-Irlanda u l-Olanda

Sabiex proġett tal-kostruzzjoni jiġi ġestit tajjeb, jeħtieġ li il-persuni kollha li jaħdmu, inklużi l-manigiers, jitħarrġu u jkunu kompetenti sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom. It-Taħriġ jgħin lill-persuni jottjenu l-kapaċitajiet, it-tagħrif u l-attitudnijiet sabiex jagħmlu xogħolhom tajjeb, u mingħajr riskju għas-saħħa u s-sigurtà tagħhom, u ta' l-oħrajn. Il-proġett tal-*motorway* ta' Egantia fil-Greċja, it-taħriġ obbligatorju "*Safe Pass*" fl-Irlanda, is-sistema ta' ġestjoni użata minn Mourik fl-Olanda, kollha juru l-importanza tat-taħriġ.

Il-Monitoraġġ u l-konsultazzjoni mal-ħaddiema - il-Finlandja

Il-Metodu ta' osservazzjoni tas-sigurtà  kien introdott fil-Finlandja fl-1992 sabiex ikejjel il-livell tas-sigurtà ta' siti tal-kostruzzjoni. Il-kejl jitwettaq billi ssir spezzjoni tas-sit kollu u jiġu iskritti osservazzjonijiet li jirrigwardaw proċeduri korretti/inkorretti fuq il-folja ta' l-ispezzjoni. L-aspetti koperti jinkludu drawwiet fuq ix-xogħol, *scaffolding* u slielem, makkinarju u tagħmir, protezzjoni kontra waqgħat, elettriku u dawl, u ordni u ndafa. Fis-sit ta' kostruzzjoni mibni għal skopijiet ta' dimostrazzjoni, il-metodu wera li kien kemm konvenjenti li jintuża kif ukoll effiċjenti. Fattur wieħed importanti tas-sistema huwa li jitwettaq b'mod konġunt minn manigiers u ħaddiema.

3. Il-Fażi ta' wara l-kostruzzjoni (il-manutenzjoni)

Il-Bini ġdid kollu għandu jiġi ddisinjat sabiex jippermetti manutenzjoni sigura. Bini eżistenti seta' kien iddisinjat mingħajr ma ngħata ebda ħsieb għal manutenzjoni sigura. Fil-każijiet kollha japplikaw l-istess prinċipji ta' ġestjoni ta' OHS bħal tul il-fażi tal-kostruzzjoni. Informazzjoni mill-klijent dwar l-istruttura hija importanti. Fattur addizzjonali li jista' jkollu jiġi kkunsidrat huwa persuni mhux ħaddiema li jistgħu jkunu preżenti u jiġu effettwati mix-xogħol ta' manutenzjoni.

Xogħol ta' manutenzjoni f'postijiet użati - l-Italja

Sar xogħol f'partijiet ta' monasteru antik, illum użat bħala biblijoteka, mużew u gallerija. Sabiex jiġi installat it-tagħmir ta' sigurtà u ta' dawl, kellu jsir xogħol estensiv ta' kostruzzjoni. Persuni oħra, mhux konnessi max-xogħol, ma setgħux jiġu esklużi miż-żona tax-xogħol. Il-kumpannija Quasco, ħadmet fuq il-pjan ta' sigurtà u koordinazzjoni għal dan il-proġett u aġixxiet bħala koordinatur tas-saħħa u tas-sigurtà tul il-fażi tal-kostruzzjoni. Assiguraw li l-miżuri ta' protezzjoni kienu jiproteġu l-persuni kollha taħt riskju. Taw ukoll definizzjoni ta' miżuri ta' sigurtà li jistgħu jkunu utli għal xogħol ta' manutenzjoni fil-ġejjieni.

Aktar Informazzjoni

Ir-rapport kollu huwa disponibbli bl-Ingliż fuq is-sit ta' l-internet ta' l-Aġenzija f' <http://agency.osha.eu.int/publications/reports/> u jista' jtniżżel mingħajr ħlas.

Ir-rapport stampat *Ir-Realizzazzjoni ta' saħħa u sigurtà aħjar fil-kostruzzjoni*, L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, 2003, ISBN 92-9191-073-2, jista' jiġi ordnat mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropej fil-Lussemburgu (<http://europ.eu.int>) jew mill-aġenti tal-bejgħ tiegħu. Il-prezz huwa 25 EUR (eskluż il-VAT). Din il-folja tal-fatti hija disponibbli bil-lingwi kollha ta' l-UE f': <http://ohsa.eu.int/ew2004/>



L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

Gran Vía, 33, E-48009 Bilbao

Tel. (34) 944 79 43 60, fax (34) 944 79 43 83

E-mail: information@osha.eu.int